Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**Ħal Għaxaq**

Nhar is-Sibt, 29 ta' Awwissu, 2026, mis-2.00 p.m. sa nofsillejl, minn Pjazza Santa Marija, Vjal il-Labour (ħdejn il-Mużew tal-bniet), Triq Santa Marija sa Triq il-Ġebelin u Triq Ġ. M. Farrugia sa Triq il-Ġarakol.

Il-21 ta' Awwissu, 2026

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 200**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

The parking area near Rotunda Church will be classified as a tow zone and therefore the transit and parking of vehicles will be prohibited;

On Wednesday, 16th September, 2026, from 8.00 a.m. to midnight, traffic and parking will be suspended in Pjazza San Leonardu, traffic will also be suspended from Triq il-Kbira towards Triq San Ġwann and Pjazza San Leonardu.

Public transport will not be affected.

**Żurrieq**

From 1.00 p.m. of Saturday, 3rd October, 2026 to 4.00 p.m. of Sunday, 4th October, 2026, clearance is required in Triq Pietru Pawl Saydon and Misraħ ir-Repubblika.

Public transport route numbers 73 and 117 will not operate at the terminus during these days/times.

Public transport will be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

21st August, 2026

POLICE NOTICE

**No. 199**

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

**Ħal Għaxaq**

On Saturday, 29th August, 2026, from 2.00 p.m. to midnight, through Pjazza Santa Marija, Vjal il-Labour (near the girls' Museum), Triq Santa Marija to Triq il-Ġebelin and Triq Ġ. M. Farrugia to Triq il-Ġarakol.

21st August, 2026

POLICE NOTICE

**No. 200**

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

**Ħaż-Żabbar**

Nhar il-Ħadd, 30 ta' Awwissu, 2026, mill-5.00 a.m. 'il quddiem, minn Triq is-Santwarju mill-Madonna sal-knisja u Triq San Duminku;

Nhar il-Erbgħa, 2 ta' Settembru, 2026, mill-4.00 p.m. 'il quddiem, minn Triq Santa Marija, Triq San Ġużepp, Misraħ San Ġakbu, Misraħ is-Sliem, Triq il-Kbira, Triq l-Immakulata Kunċizzjoni, Triq Ġanni Bonavia, Pjazza tal-Madonna Medjatriċi, Triq Hompesch, Triq il-Kunvent, Triq Felice u Triq is-Santwarju.

Id-dħul u l-ħruġ tat-trasport pubbliku minn u għal Ħaż-Żabbar se jkun devjat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-21 ta' Awwissu, 2026

TRANSPORT MALTA

**Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 152 tal-2026**

*Open Water Swimming Event fil-Bajja ta' Marsalforn, Għawdex*

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li Otters ASC Gozo se jorganizza open water swimming event fil-Bajja ta' Marsalforn, Għawdex.

Se jsiru serje ta' tlielaq tul il-korsa A, B, C, D, E, F u G jew parti minna (kif muri fuq chart A fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)),

| *Pożizzjoni* | *Latitudni (T)* | *Longitudni (L)* |
|---|---|---|
| A | 36° 04'.381 | 014° 15'.495 |
| B | 36° 04'.380 | 014° 15'.505 |
| C | 36° 04'.605 | 014° 15'.635 |
| D | 36° 04'.682 | 014° 15'.396 |
| E | 36° 04'.63 | 014° 15'.328 |
| F | 36° 04'.557 | 014° 15'.520 |
| G | 36° 04'.482 | 014° 15'.523 |

nhar il-Ħadd, 30 ta' Awwissu, 2026, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar.

Il-bastiment 'Cosmos II' u numru ta' kenuri se jakkumpanjaw lill-għawwiema parteċipanti.

Il-baħħara kollha huma avzati biex iżommu 'l bogħod mill-inħawi u, taħt ebda ċirkostanzi, ma għandhom jgħaddu mill-korsa A, B u C. Il-bastimenti li l-irmiġġ tagħhom jinsab

**Ħaż-Żabbar**

On Sunday, 30th August, 2026, from 5.00 a.m. onwards, through Triq is-Santwarju from Our Lady to the church and Triq San Duminku;

On Wednesday, 2nd September, 2026, from 4.00 p.m. onwards, through Triq Santa Marija, Triq San Ġużepp, Misraħ San Ġakbu, Misraħ is-Sliem, Triq il-Kbira, Triq l-Immakulata Kunċizzjoni, Triq Ġanni Bonavia, Pjazza tal-Madonna Medjatriċi, Triq Hompesch, Triq il-Kunvent, Triq Felice and Triq is-Santwarju.

The entrance and exit of public transport to and from Ħaż-Żabbar will be diverted.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

21st August, 2026

TRANSPORT MALTA

**Local Notice to Mariners No. 152 of 2026**

*Open Water Swimming Event in Marsalforn Bay, Gozo*

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that Otters ASC Gozo will be organising an open water swimming event in Il-Bajja ta' Marsalforn, Gozo.

A series of races will be held along the course A, B, C, D, E, F and G or part of it (as shown on the chart A found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)),

| *Position* | *Latitude (N)* | *Longitude (E)* |
|---|---|---|
| A | 36° 04'.381 | 014° 15'.495 |
| B | 36° 04'.380 | 014° 15'.505 |
| C | 36° 04'.605 | 014° 15'.635 |
| D | 36° 04'.682 | 014° 15'.396 |
| E | 36° 04'.63 | 014° 15'.328 |
| F | 36° 04'.557 | 014° 15'.520 |
| G | 36° 04'.482 | 014° 15'.523 |

on Sunday, 30th August, 2026, between 8.00 a.m. and noon

The vessel 'Cosmos II' and a number of canoes will be accompanying the participating swimmers.

All mariners are directed to keep well clear of the area and, under no circumstances, are to transit through the course A, B and C. For vessels whose moorings are within this

f'din iż-żona, għandhom jikkomunikaw mal-bastiment 'Cosmos II' qabel jidħlu jew joħorġu mill-inħawi u jistennew biex jiġu eskortati.

Fil-data u l-ħinijiet stipulati, il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti u jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa (mingħajr rima) meta jkunu fil-viċinanza. Huma għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi.

Jekk minħabba kundizzjonijiet tat-temp l-avveniment ma jkunx jista jsir fil-Bajja ta' Marsalforn kif ippjanat, dan minflok isir fl-istess data u ħin, skont il-kundizzjonijiet tat-temp, fi:

jew il-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien tul il-korsa H, I, J, K, L, M, N u O (kif muri fuq chart B fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt))

| *Pożizzjoni* | *Latitudni (T)* | *Longitudni (L)* |
|---|---|---|
| H | 36° 01'.662 | 014° 19'.402 |
| I | 36° 01'.632 | 014° 19'.645 |
| J | 36° 01'.700 | 014° 19'.908 |
| K | 36° 01'.817 | 014° 20'.170 |
| L | 36° 01'.850 | 014° 20'.135 |
| M | 36° 01'.736 | 014° 19'.890 |
| N | 36° 01'.672 | 014° 19'.643 |
| O | 36° 01'.666 | 014° 19'.406 |

jew il-Bajja tax-Xlendi tul il-korsa P, Q, R, S, T, U, V, W, X u Y (kif muri fuq chart C fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)),

| *Pożizzjoni* | *Latitudni (T)* | *Longitudni (L)* |
|---|---|---|
| P | 36° 01'.784 | 014° 13'.002 |
| Q | 36° 01'.758 | 014° 12'.893 |
| R | 36° 01'.702 | 014° 12'.858 |
| S | 36° 01'.672 | 014° 12'.701 |
| T | 36° 01'.414 | 014° 12'.940 |
| U | 36° 01'.393 | 014° 12'.882 |
| V | 36° 01'.688 | 014° 12'.629 |
| W | 36° 01'.721 | 014° 12'.822 |
| X | 36° 01'.768 | 014° 12'.884 |
| Y | 36° 01'.792 | 014° 12'.999 |

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 211

Il-21 ta' Awwissu, 2026

area, they are to communicate with the vessel 'Cosmos II' prior to entering or leaving the area and wait to be escorted accordingly.

On the stipulated date and times, mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate with extreme caution and at slow speed (no wake) when in the vicinity. They are to cooperate with the organisers.

If due to weather conditions the event cannot be held at Il-Bajja ta' Marsalforn as planned, it will instead be held at the same date and time, depending on weather conditions, at:

either Il-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien along the course H, I, J, K, L, M, N and O (as shown on the chart B found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)).

| *Position* | *Latitude (N)* | *Longitude (E)* |
|---|---|---|
| H | 36° 01'.662 | 014° 19'.402 |
| I | 36° 01'.632 | 014° 19'.645 |
| J | 36° 01'.700 | 014° 19'.908 |
| K | 36° 01'.817 | 014° 20'.170 |
| L | 36° 01'.850 | 014° 20'.135 |
| M | 36° 01'.736 | 014° 19'.890 |
| N | 36° 01'.672 | 014° 19'.643 |
| O | 36° 01'.666 | 014° 19'.406 |

or Il-Bajja tax-Xlendi along the course P, Q, R, S, T, U, V, W, X and Y (as shown on the chart C found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)).

| *Position* | *Latitude (N)* | *Longitude (E)* |
|---|---|---|
| P | 36° 01'.784 | 014° 13'.002 |
| Q | 36° 01'.758 | 014° 12'.893 |
| R | 36° 01'.702 | 014° 12'.858 |
| S | 36° 01'.672 | 014° 12'.701 |
| T | 36° 01'.414 | 014° 12'.940 |
| U | 36° 01'.393 | 014° 12'.882 |
| V | 36° 01'.688 | 014° 12'.629 |
| W | 36° 01'.721 | 014° 12'.822 |
| X | 36° 01'.768 | 014° 12'.884 |
| Y | 36° 01'.792 | 014° 12'.999 |

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement officers on site.

Chart affected: BA 211

21st August, 2026

TRANSPORT MALTA

**Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 153 tal-2026**

*Wirja ta' Droni bid-Dawl – Tas-Sliema*

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li se ssir wirja ta' droni bid-dawl f'Tas-Sliema – Qui-Si-Sana.

Il-wirja ta' droni bid-dawl se ssir fid-data u l-ħin li ġej:

Nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Settembru, 2026 mis-7.00 p.m. sal-10.00 p.m.

Iż-żona hija ffurmata billi jingħaqdu l-punti A, B, C, D u E (kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)).

| *Pożizzjoni* | *Latitudni (T)* | *Longitudni (L)* |
|---|---|---|
| A | 35° 54'.773 | 014° 30'.467 |
| B | 35° 54'.778 | 014° 30'.506 |
| C | 35° 54'.680 | 014° 30'.548 |
| D | 35° 54'.664 | 014° 30'.540 |
| E | 35° 54'.677 | 014° 30'.505 |

Il-ħinijiet kollha huma fil-ħin lokali.

Il-baħħara għandhom iżommu 'l bogħod miż-żona msemmija hawn fuq u jżommu distanza ta' sigurtà ta' mill-inqas 100 metru matul id-data u l-ħinijiet stabbiliti.

Huma għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi u josservaw kwalunkwe struzzjonijiet maħruġa fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u minn kwalunkwe ufficjal tal-infurzar fuq il-post.

Il-pożizzjonijiet huma b'referenza għal WGS 84 Datum.

Chart affettwata: BA 17

Il-21 ta' Awwissu, 2026

TRANSPORT MALTA

**Local Notice to Mariners No. 153 of 2026**

*Light Drone Display – Tas-Sliema*

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a light drone display will be held at Tas-Sliema – Qui-Si-Sana.

The light drone display will be held on the following date and time:

On Friday, 4th September, 2026, from 7.00 p.m. to 10.00 p.m.

The area is formed by joining Points A, B, C, D and E (as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)).

| *Position* | *Latitude (N)* | *Longitude (E)* |
|---|---|---|
| A | 35° 54'.773 | 014° 30'.467 |
| B | 35° 54'.778 | 014° 30'.506 |
| C | 35° 54'.680 | 014° 30'.548 |
| D | 35° 54'.664 | 014° 30'.540 |
| E | 35° 54'.677 | 014° 30'.505 |

All timings are in local time.

Mariners are to keep clear of the above-mentioned area and to maintain a safety distance of at least 100 metres during the stipulated dates and times.

They are to cooperate with the organisers and to comply with any instructions issued on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Positions are referred to WGS 84 Datum

Chart affected: BA 17

21st August, 2026

TRANSPORT MALTA

**Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 154 tal-2026**

*Xogħlijiet ta' tiswija fuq il-Power Station ta' Dellimara – Il-Ħofra ż-Żgħira*

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lill-pubbliku ġenerali li se jsiru xogħlijiet ta' tiswija fuq il-Power Station ta' Dellimara –

TRANSPORT MALTA

**Local Notice to Mariners No. 154 of 2026**

*Repair works on the Dellimara Power Station – Il-Ħofra ż-Żgħira*

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and the general public that repair works will be carried out on the Delimara Power Station – outfall

outfall structure fil-Ħofra ż-Żgħira, Dellimara, fil-limiti ta' Marsaxlokk.

Ix-xogħlijiet mistennija jibdew b'seħħ immedjat u se jsiru kuljum mis-7.00 a.m. sa 7.00 p.m. Ix-xogħol mistenni jitlesta sal-Ħadd, 13 ta' Diċembru, 2026.

Se jiġi installat ilqugħ għall-ħama tul il-perimetru taż-żoni A, B, C, u D, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Dawn ix-xogħlijiet se jsiru kemm mill-art kif ukoll mill-baħar minn braken assistiti minn flotta ta' bastimenti ta' appoġġ u għaddasa, li se jtajru l-bandiera 'A' tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali waqt li jkunu qed isiru ix-xogħlijiet.

Għandha tinżamm żona ta' esklużjoni tas-sikurezza ta' 100 metru madwar il-Power Station ta' Dellimara – outfall structure fil-Ħofra ż-Żgħira, Dellimara, matul il-perjodu kollu tax-xogħlijiet.

Il-baħħara u s-sidien tal-bastimenti huma huma avżati biex joqogħdu attenti u jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa (mingħajr rima) meta jkunu fil-viċinanza. Huma għandhom ukoll jikkooperaw bis-sħiħ mal-kuntrattur u mal-uffiċjali li jkunu fuq il-post.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 14 u/jew 16, minn Marsaxlokk VTS u minn kwalunkwe persunal tal-infurzar fuq il-post.

Charts affettwati: BA 36, 2538

Il-21 ta' Awwissu, 2026

TRANSPORT MALTA

**Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 155 tal-2026**

*B'Żieda ma' Avviżi Lokali lill-Baħħara Nri 132, 153, 189 tal-2025 u Avviżi Lokali lill-Baħħara Nri 5, 108 u 149 tal-2026 rigward blat li qed jaqa' f'Żoni Ristretti*

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lill-pubbliku ġenerali li, b'żieda ma' Avviżi Lokali lill-Baħħara Nri 132, 153, u 189 tal-2025 u Avviżi Lokali lill-Baħħara Nri 5, 108 u 149 tal-2026 dwar Żoni Ristretti madwar Malta minħabba blat li qed jaqa', iż-żona li ġejja għandha tiġi miżjuda mal-lista.

Għerien ta' Santa Maria – Kemmuna, iffurmat billi jingħaqdu l-punti A, B, C, D u x-xatt ta' bejniethom (kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)).

structure at Il-Ħofra ż-Żgħira, Dellimara, in the limits of Marsaxlokk.

The works are expected to start with immediate effect and will be carried out daily from 7.00 a.m. to 7.00 p.m. Work is expected to be completed by Sunday, 13th December, 2026.

A silt curtain will be installed along the perimeter of areas A, B, C, and D, as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)).

These works will be carried out from land and sea from barges assisted by its supporting fleet of vessels and scuba divers, who will display the International Code of Signals flag 'A' while the works are being carried out.

A safety exclusion zone of 100 metres shall be maintained around the Dellimara Power Station – outfall structure at il-Ħofra iż-Żgħira, Dellimara, for the entire duration of the works.

Mariners and vessel owners are requested to navigate with extreme caution in the vicinity of the works area, proceeding at very low speed and creating no wake. They are also requested to cooperate fully with the contractor and personnel on site.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 14 and/or 16, by Marsaxlokk VTS and by any enforcement personnel on site.

Charts affected: BA 36, 2538

21st August, 2026

TRANSPORT MALTA

**Local Notice to Mariners No. 155 of 2026**

*Further to Local Notices to Mariners Nos 132, 153, 189 of 2025 and Local Notices to Mariners Nos 5, 108 and 149 of 2026 regarding Restricted Areas falling rocks*

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and the general public that, further to Local Notices to Mariners Nos 132, 153, and 189 of 2025 and Local Notices to Mariners Nos 5, 108 and 149 of 2026 regarding Restricted Areas around Malta due to the danger of falling rocks, the following area is to be added to the list.

Santa Maria Caves – Comino, formed by joining the points A, B, C, D and the intermediate coastline (as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)).

| | | |
|---|---|---|
| A | 36° 01'.114 | 014° 20'.432 |
| B | 36° 01'.125 | 014° 20'.510 |
| C | 36° 01'.022 | 014° 20'.531 |
| D | 36° 01'.007 | 014° 20'.426 |

Il-kundizzjonijiet u l-pariri kollha msemmija f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 132 tal-2025 jibqgħu validi u japplikaw ukoll għal din iż-żona.

Charts affettwati: BA 211, 2537

Il-21 ta' Awwissu, 2026

TRANSPORT MALTA

**Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 156 tal-2026**

*Prattika Tajba ta' Baħħara (Good Seamanship)*

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jfakkar lill-baħħara, kaptana, skippers, sidien u operaturi kollha ta' bastimenti dwar l-importanza fundamentali tal-prattika tajba ta' baħħara fit-tħaddim sigur u responsabbli ta' bastimenti fl-ibħra Maltin.

Il-prattika tajba ta' baħħara mhijiex limitata għall-konformità ma' regoli jew regolamenti individwali. Hija l-applikazzjoni tal-għarfien, il-kompetenza, l-esperjenza, il-ġudizzju tajjeb, il-prudenza u s-sens komun fit-tħaddim u n-navigazzjoni ta' bastiment, filwaqt li jitqiesu kif xieraq iċ-ċirkostanzi u l-kundizzjonijiet prevalenti f'dak il-ħin.

Fl-aktar sens wiesa' tagħha, il-prattika tajba ta' baħħara tfisser li wieħed jagħmel dak li baħħar kompetenti u prudenti jkun raġonevolment mistenni jagħmel fl-istess ċirkostanzi biex jipprevjeni l-periklu u jżomm is-sigurtà tal-bastiment, tal-persuni abbord u tal-utenti l-oħra tal-baħar.

**X'Jikkostitwixxi Prattika Tajba ta' Baħħara**

Il-prattika tajba ta' baħħara tibda qabel ma bastiment joħroġ il-baħar u tkompli sakemm il-bastiment ikun assigurat b'mod sigur.

Tirrikjedi li baħħar jantiċipa l-perikli aktar milli sempliċement jirreaġixxi għalihom, u li jagħraf li l-kundizzjonijiet fuq il-baħar huma dinamiċi u jistgħu jirrikjedu li l-pjanijiet u l-azzjonijiet jiġu evalwati mill-ġdid kontinwament.

Il-prattika tajba ta' baħħara tinkludi, iżda mhijiex limitata għal:

1. Għarfien u kompetenza – fehim tal-bastiment, tat-tagħmir tiegħu, tal-limitazzjonijiet u tal-karatteristiċi tal-immaniġġjar tiegħu, flimkien mar-regoli, il-prattiki u l-proċeduri applikabbli għat-tħaddim tiegħu;

All conditions and advice mentioned in Local Notice to Mariners No 132 of 2025 will remain valid and will also apply to this area.

Charts affected: BA 211, 2537

21st August, 2026

TRANSPORT MALTA

**Local Notice to Mariners No. 156 of 2026**

*Good Seamanship*

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, reminds all mariners, masters, skippers, owners and operators of vessels of the fundamental importance of good seamanship in the safe and responsible operation of vessels within Maltese waters.

Good seamanship is not confined to compliance with individual rules or regulations. It is the application of knowledge, competence, experience, sound judgement, prudence and common sense to the operation and navigation of a vessel, having proper regard to the circumstances and conditions prevailing at the time.

In its broadest sense, good seamanship means doing what a competent and prudent mariner would reasonably be expected to do in the same circumstances to prevent danger and maintain the safety of the vessel, persons on board and other users of the sea.

**What Constitutes Good Seamanship**

Good seamanship begins before a vessel puts to sea and continues until the vessel is safely secured.

It requires a mariner to anticipate hazards rather than merely react to them and to recognise that conditions at sea are dynamic and may require plans and actions to be continuously reassessed.

Good seamanship includes, but is not limited to:

1. Knowledge and competence – understanding the vessel, its equipment, limitations and handling characteristics, together with the rules, practices and procedures applicable to its operation;

2. Tħejjija u ppjanar – l-iżgurar li l-bastiment, l-ekwipaġġ u t-tagħmir huma adattati għall-vjaġġ maħsub, u li tkun saret konsiderazzjoni xierqa tar-rotta, tal-Avviżi lill-Baħħara applikabbli, tat-temp, tal-kundizzjonijiet tal-baħar, tal-perikli għan-navigazzjoni, ta' kenn disponibbli u tal-arranġamenti ta' kontinġenza;

3. Għarfien tas-sitwazzjoni – iż-żamma ta' valutazzjoni preċiża tal-pożizzjoni tal-bastiment, tal-madwar, tat-traffiku, tat-temp u tar-riskji emerġenti permezz ta' għassa xierqa u l-użu effettiv tal-informazzjoni kollha disponibbli;

4. Anticipazzjoni tar-riskju – l-identifikazzjoni ta' perikli potenzjali kmieni biżżejjed sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni sigura u effettiva qabel ma s-sitwazzjoni ssir kritika;

5. Ġudizzju prudenti – l-għarfien li azzjoni tista' tkun teknikament permessa iżda xorta waħda mhux xierqa jew mhux sigura fiċ-ċirkostanzi partikolari;

6. Veloċità sigura u manuvri xierqa – it-tħaddim tal-bastiment b'veloċità u b'mod li jippermettu biżżejjed ħin u distanza biex jiġu evalwati sitwazzjonijiet emerġenti u tittieħed azzjoni effettiva;

7. Żamma ta' marġni adegwati ta' sigurtà – l-evitar ta' dipendenza bla bżonn fuq distanzi minimi, manuvri tal-aħħar mument jew suppożizzjonijiet dwar l-intenzjonijiet jew l-azzjonijiet ta' oħrajn;

8. Fehim tal-limitazzjonijiet tat-tagħmir – l-użu xieraq tan-navigazzjoni elettronika, radar, AIS u għajnuniet oħra filwaqt li wieħed jagħraf li tali tagħmir jappoġġja, iżda ma jissostitwixxix, għassa xierqa, ġudizzju u kompetenza fin-navigazzjoni;

9. Għarfien tal-limitazzjonijiet personali – l-għarfien tal-effetti tal-għeja, nuqqas ta' esperjenza, temp, viżibbiltà, kundizzjoni fiżika u fatturi oħra li jistgħu jnaqqsu l-kapaċità li wieħed jopera bastiment b'mod sigur;

10. Konsiderazzjoni lejn oħrajn – l-apprezzament tal-limitazzjonijiet u l-vulnerabbiltajiet ta' bastimenti oħra u persuni li jużaw il-baħar, u l-evitar ta' mġiba li tista' tqegħedhom f'riskju bla bżonn. Għandu jitqies ukoll li bastimenti oħra jista' jkollhom karatteristiki ta' manuvrar differenti mill-bastiment proprju;

11. Tħejjija għall-imprevist – iż-żamma ta' arranġamenti ta' kontinġenza xierqa u l-prontezza biex tirreaġixxi għal ħsara fit-tagħmir, deterjorazzjoni fit-temp, inċertezza tan-navigazzjoni, emerġenzi jew azzjonijiet mhux mistennija ta' bastiment ieħor; u

12. Ħarsien tal-ambjent marittimu – it-tħaddim tal-bastiment b'mod li jevita t-tniġġis u ħsara bla bżonn lill-ambjent marittimu.

2. Preparation and planning – ensuring that the vessel, crew and equipment are suitable for the intended voyage and that appropriate consideration has been given to the route, applicable Notices to Mariners, weather, sea conditions, navigational hazards, available shelter and contingency arrangements;

3. Situational awareness – maintaining an accurate appreciation of the vessel's position, surroundings, traffic, weather and developing risks through proper lookout and the effective use of all available information;

4. Anticipation of risk – identifying potential dangers sufficiently early to allow safe and effective action to be taken before a situation becomes critical;

5. Prudent judgement – recognising that an action may be technically permissible but nevertheless inappropriate or unsafe in the particular circumstances;

6. Safe speed and appropriate manoeuvring – operating at a speed and in a manner which allows sufficient time and distance to assess developing situations and take effective action;

7. Allowing an adequate margin of safety – avoiding unnecessary reliance on minimum distances, last-minute manoeuvres or assumptions concerning the intentions or actions of others;

8. Understanding the limitations of equipment – using electronic navigation, radar, AIS and other aids appropriately while recognising that such equipment supports, but does not replace, proper lookout, judgement and navigational competence;

9. Awareness of one's own limitations – recognising the effects of fatigue, inexperience, weather, visibility, physical condition and other factors which may impair the ability to operate a vessel safely;

10. Consideration for others – appreciating the limitations and vulnerabilities of other vessels and persons using the sea and avoiding conduct which may unnecessarily place them at risk. To take into consideration that other vessels may have different manoeuvring characteristics from own vessel;

11. Readiness for the unexpected – maintaining appropriate contingency arrangements and being prepared to respond to equipment failure, deteriorating weather, navigational uncertainty, emergencies or the unexpected actions of another vessel; and

12. Care for the marine environment – operating the vessel in a manner which avoids pollution and unnecessary harm to the marine environment.

**Prattika Tajba ta' Baħħara u Konformità mar-Regoli**

Il-prattika tajba tal-baħħara tirrikjedi għarfien tal-liġijiet, regolamenti u rekwiżiti tan-navigazzjoni applikabbli u konformità magħhom. Madankollu, il-konformità ma' regola m'għandhiex titqies bħala sostitut għall-użu ta' ġudizzju prudenti.

Iċ-ċirkostanzi li jiltaqa' magħhom wieħed fuq il-baħar huma wisq varjati biex jiġu indirizzati kompletament permezz ta' rekwiżiti preskrittivi.

Għalhekk, baħħar kompetenti huwa mistenni mhux biss li jkun jaf ir-regoli applikabbli, iżda wkoll li jifhem l-iskop tagħhom u japplikahom b'mod xieraq għaċ-ċirkostanzi li jiltaqa' magħhom.

Qed tingħibed attenzjoni partikolari għar-Regola 2 tar-Regolamenti Internazzjonali għall-Prevenzjoni tal-Ħbit fuq il-Baħar, 1972 (COLREGs), li tagħraf ir-responsabbiltajiet li jirriżultaw mill-prattika ordinarja tal-baħħara u mill-prekawzjonijiet li jistgħu jkunu meħtieġa minħabba ċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ.

Għaldaqstant, in-nuqqas ta' projbizzjoni jew istruzzjoni speċifika ma jagħmilx, minnu nnifsu, azzjoni sigura jew prudenti.

**Responsabbiltà tal-Baħħara**

Is-sigurtà tan-navigazzjoni tiddependi sostanzjalment fuq id-deċiżjonijiet u l-imġiba ta' dawk li huma responsabbli mill-bastimenti.

L-esperjenza, it-teknoloġija u r-regolamenti huma għajnuniet siewja għan-navigazzjoni sigura, iżda l-ebda wieħed minnhom ma jelimina l-ħtieġa għall-viġilanza, il-ġudizzju u r-responsabbiltà personali.

Għalhekk, il-prattika tajba ta' baħħara tirrikjedi li l-baħħara jibqgħu attenti, jużaw ġudizzju tajjeb, jantiċipaw perikli emerġenti u jieħdu azzjoni xierqa fil-ħin biex jipprevjenu sitwazzjonijiet milli jsiru perikoluži.

L-eżempji li ġejjin, li mhumiex maħsuba li jkunu eżawrjenti, juru ċirkostanzi fejn l-eżerċizzju ta' ġudizzju prudenti u l-prattika ordinarja tal-baħħara jistgħu jeħtieġu li jittieħdu prekawzjonijiet li jmorru lil hinn mis-sempliċi konformità ma' rekwiżit regolatorju speċifiku

**1. Veloċità Sigura f'Ibħra bi Traffiku Għoli jew Ristretti**

Bastiment jista' jkun qed jopera fi ħdan limitu ta' veloċità applikabbli; madankollu, dik il-veloċità xorta tista' tkun eċċessiva meta jitqiesu d-densità tat-traffiku, il-viżibbiltà,

**Good Seamanship and Compliance with the Rules**

Good seamanship requires knowledge of and compliance with applicable laws, regulations and navigational requirements. However, compliance with a rule should not be regarded as a substitute for the exercise of prudent judgement.

The circumstances encountered at sea are too varied to be addressed entirely through prescriptive requirements.

A competent mariner is therefore expected not only to know the applicable rules, but also to understand their purpose and to apply them appropriately to the circumstances encountered.

Particular attention is drawn to Rule 2 of the International Regulations for Preventing Collisions at Sea, 1972 (COLREGs), which recognises the responsibilities arising from the ordinary practice of seamen and from precautions which the special circumstances may require of the case.

Accordingly, the absence of a specific prohibition or instruction does not, of itself, make an action safe or prudent.

**Responsibility of Mariners**

The safety of navigation depends substantially upon the decisions and conduct of those in charge of vessels.

Experience, technology and regulations are valuable aids to safe navigation, but none removes the need for vigilance, judgement and personal responsibility.

Good seamanship therefore requires mariners to remain alert, exercise sound judgement, anticipate developing hazards and take timely and appropriate action to prevent situations from becoming dangerous.

The following examples which are not considered as exhaustive illustrate circumstances where the exercise of prudent judgement and the ordinary practice of seamen may require precautions beyond simple compliance with a specific regulatory requirement.

**1. Safe Speed in Congested or Restricted Waters**

A vessel may be operating within an applicable speed limit; however, that speed may still be excessive having regard to traffic density, visibility, proximity to moored

il-prossimità lejn bastimenti rmunkati, għawwiema jew bugħaddasa, il-kundizzjonijiet tal-baħar, l-ispazju disponibbli għall-manuvrar jew il-mewġ maħluq mill-bastiment.

Il-prattika tajba ta' baħħara tirrikjedi li l-kaptan jew l-iskipper inaqqas il-veloċità kull meta ċ-ċirkostanzi jeħtieġu dan, irrispettivament mill-veloċità massima permessa.

**2. Żamma ta' Distanza Sigura**

Distanza minima preskritta, fejn applikabbli, m'għandhiex awtomatikament titqies bħala distanza sigura f'kull ċirkostanza.

It-temp, l-istat tal-baħar, id-daqs tal-bastiment, il-kalka (draught), il-manuvrabbiltà, it-traffiku, il-perikli taħt l-ilma u l-possibbiltà ta' ħsara fit-tagħmir jistgħu jirrikjedu marġni sostanzjalment akbar.

Il-prattika tajba ta' baħħara tirrikjedi li jinżamm biżżejjed spazju tal-baħar sabiex wieħed ikun jista' jirreaġixxi għal tibdil prevedibbli fiċ-ċirkostanzi u jieħu azzjoni effettiva jekk xi ħaġa tmur ħażin.

**3. Dħul jew Ħruġ minn Portijiet, Bajjiet u Ankraġġi**

Meta jidħol jew joħroġ minn port, bajja jew ankraġġ, baħħar prudenti għandu jantiċipa l-preżenza ta' bastimenti li jkunu qed jimmanuvraw, bastimenti ankrati, dgħajjes żgħar, għawwiema, bugħaddasa u utenti oħra tal-ilma.

Anke jekk bastiment għandu l-abbiltà jew id-dritt apparenti li jkompli, il-prattika tajba ta' baħħara tista' tirrikjedi tnaqqis fil-veloċità, bidla fir-rotta, għassa addizzjonali jew li jingħata aktar spazju lil bastiment ieħor biex jimmanuvra.

**4. Deterjorazzjoni tat-Temp u tal-Kundizzjonijiet tal-Baħar**

Vjaġġ li kien raġonevoli fil-ħin tat-tluq jista' jsir mhux sigur hekk kif il-kundizzjonijiet jiddeterjoraw.

Il-prattika tajba ta' baħħara tirrikjedi monitoraġġ kontinwu tat-temp u tal-kundizzjonijiet tal-baħar matul il-vjaġġ u rieżami tal-pjanijiet kif meħtieġ. Dan jista' jirrikjedi tnaqqis fil-veloċità, bidla fir-rotta, tfittxija ta' kenn, ritorn lejn il-port jew l-abbandun tal-vjaġġ ippjanat.

Li tkompli biss għax il-vjaġġ diġà beda mhix ġustifikazzjoni waħedha, dan ghax tkun qieghed taċċetta riskju mhux meħtieġ.

**5. Navigazzjoni f'Viżibilità Mnaqqsa**

L-għajnuniet elettroniċi għan-navigazzjoni jistgħu jtejbu b'mod sinifikanti l-għarfien tas-sitwazzjoni, iżda m'għandhomx joħolqu sens falz ta' sigurtà.

vessels, swimmers or divers, sea conditions, available manoeuvring space or the wash generated by the vessel.

Good seamanship requires the master or skipper to reduce speed whenever the circumstances require it, irrespective of the maximum speed otherwise permitted.

**2. Maintaining a Safe Distance**

A prescribed minimum distance, where applicable, should not automatically be regarded as a safe distance in every circumstance.

Weather, sea state, vessel size, draught, manoeuvrability, traffic, underwater hazards and the possibility of equipment failure may require a substantially greater margin.

Good seamanship requires sufficient sea room to be maintained to allow for foreseeable changes in circumstances and to permit effective action should something go wrong.

**3. Approaching Harbours, Bays and Anchorages**

When entering or leaving a harbour, bay or anchorage, a prudent mariner should anticipate the presence of vessels manoeuvring, vessels at anchor, small craft, swimmers, divers and other water users.

Even where a vessel has the ability or apparent right to proceed, good seamanship may require a reduction in speed, an alteration of course, additional lookout or allowing another vessel more room to manoeuvre.

**4. Deteriorating Weather and Sea Conditions**

A voyage which was reasonable to undertake at the time of departure may become unsafe as conditions deteriorate.

Good seamanship requires weather and sea conditions to be monitored throughout the voyage and plans to be reassessed accordingly. This may require reducing speed, altering course, seeking shelter, returning to port or abandoning the intended voyage.

Continuing merely because the voyage has already commenced is not, in itself, justification for accepting an unnecessary level of risk.

**5. Navigation in Reduced Visibility**

Electronic navigational aids can significantly improve situational awareness but should not create a false sense of security.

Fiċ-ċpar, xita qawwija jew kundizzjonijiet oħra ta' viżibbiltà limitata, il-prattika tajba ta' baħħara tista' tirrikjedi tnaqqis sostanzjali fil-veloċità, għassa addizzjonali, użu akbar tar-radar u ta' għajnuniet oħra tan-navigazzjoni, kif ukoll tħejjija għal manuvra immedjata.

Il-preżenza ta' GPS, radar, AIS jew charts elettroniċi ma tneħħix l-obbligu li wieħed iżomm osservazzjoni xierqa u juża ġudizzju prudenti.

**6. Inċertezza dwar l-Intenzjonijiet ta' Bastiment Ieħor**

Baħħar m'għandux jassumi li bastiment ieħor rah, interpreta s-sitwazzjoni b'mod korrett jew se jieħu l-azzjoni mistennija minnu.

Fejn ikun hemm inċertezza dwar l-intenzjonijiet ta' bastiment ieħor, il-prattika tajba ta' baħħara tirrikjedi valutazzjoni bikrija tas-sitwazzjoni u azzjoni prekawzjonarja xierqa.

**7. Interazzjoni ma' Dgħajjes Żgħar jew Vulnerabbli**

Bastimenti kbar jew b'qawwa għolja għandhom iqisu l-effett li l-veloċità, il-prossimità u l-mewġ tagħhom jista' jkollhom fuq dgħajjes iżgħar, bastimenti bil-qlugħ, paddle craft, persuni fl-ilma u bastimenti involuti fl-għadis jew attivitajiet oħra.

Azzjoni li tippreżenta ftit riskju għall-bastiment li joħloq il-mewġ tista' toħloq periklu sinifikanti għal persuna jew bastiment ieħor.

Għalhekk, il-prattika tajba ta' baħħara tinvolvi wkoll li wieħed jikkunsidra kif l-azzjonijiet tiegħu jaffettwaw utenti oħra tal-baħar.

**8. Ankraġġ u Rmunkar**

Il-prattika tajba ta' baħħara tirrikjedi konsiderazzjoni mhux biss dwar jekk bastiment jistax jankra jew jintrabat f'pożizzjoni partikolari, iżda wkoll jekk jistax jibqa' hemm b'mod sigur.

Għandhom jitqiesu l-fond tal-ilma, in-natura ta' qiegħ il-baħar, l-ispazju għat-tbandil, il-prossimità lejn bastimenti oħra u perikli, it-temp previst, il-bidliet mistennija fid-direzzjoni u l-qawwa tar-riħ, u l-adegwatezza tal-arranġamenti tal-ankraġġ jew tal-irmunkar.

Għandu jitqies marġni xieraq għal kundizzjonijiet li jistgħu jkomplu jiddeterjoraw, kif ukoll għall-possibbiltà li l-ankra tkaxkar jew li sseħħ ħsara jew falliment fit-tagħmir.

In fog, heavy rain or other conditions of restricted visibility, good seamanship may require a substantial reduction in speed, additional lookout, increased use of radar and other available navigational aids and readiness to manoeuvre immediately.

The availability of GPS, radar, AIS or electronic charts does not remove the obligation to maintain a proper lookout and exercise prudent judgement.

**6. Uncertainty as to Another Vessel's Intentions**

A mariner should not assume that another vessel has seen them, correctly interpreted the situation or will take the action expected of it.

Where the intentions of another vessel are uncertain, good seamanship requires early assessment of the developing situation and appropriate precautionary action rather than allowing the vessels to approach unnecessarily close before acting.

**7. Interaction with Small or Vulnerable Craft**

Large or high-powered vessels should have regard to the effect that their speed, proximity and wash may have upon smaller craft, sailing vessels, paddle craft, persons in the water and vessels engaged in diving or other activities.

An action which presents little risk to the vessel creating the wash may create significant danger to another person or vessel.

Good seamanship therefore includes consideration of the consequences of one's actions upon other users of the sea.

**8. Anchoring and Mooring**

Good seamanship requires consideration not merely of whether a vessel can anchor or moor in a particular position, but whether it can remain there safely.

Account should be taken of water depth, nature of the seabed, swinging room, proximity to other vessels and hazards, forecast weather, expected changes in wind direction and strength, and the adequacy of the vessel's anchoring or mooring arrangements.

Appropriate allowance should be made for deteriorating conditions and the possibility of dragging anchor or failure of equipment.

**9. Ħsara fit-Tagħmir**

Ħsara fil-magna, fis-sistema tal-isteering, f'għajnuna għan-navigazzjoni jew f'tagħmir ieħor mhux neċessarjament tikkostitwixxi emerġenza jekk jittieħdu prekawzjonijiet xierqa minnufih.

Meta tagħmir essenzjali għall-kontinwazzjoni sigura ta' vjaġġ isir difettuż, id-deċiżjoni prudenti tista' tkun li wieħed ifittex kenn, jirritorna lejn il-port jew iwaqqaf il-vjaġġ.

Meta l-apparat essenzjali għall-kontinwazzjoni sigura tal-vjaġġ isir difettuż, id-deċiżjoni prudenti tista' tkun li tfittex kenn, terġa' lura fil-port jew twaqqaf il-vjaġġ.

**10. Għajnuna lil Persuni jew Bastimenti f'Diffikultà**

Baħħar li josserva bastiment jew persuna li jidher li tinsab f'diffikultà għandu jżomm għarfien tas-sitwazzjoni u, fejn ikun xieraq u sigur, jipprovdi assistenza jew javża lill-awtoritajiet rilevanti.

Il-prattika tajba ta' baħħara tirrikjedi li l-assistenza tingħata b'mod li ma jqegħidx f'periklu bla bżonn lill-bastiment li qed jgħin, lill-ekwipaġġ tiegħu jew lil persuni oħra.

**11. Meta Wieħed Ikollu Dubju**

Il-valutazzjoni għandha ssir bl-użu tal-mezzi kollha disponibbli u l-ġudizzju m'għandux ikun ibbażat fuq informazzjoni skarsa. Meta l-informazzjoni disponibbli tista' tqajjem dubji, il-prattika tajba tal-baħrin (good seamanship) hija partikolarment importanti, speċjalment meta ċ-ċirkostanzi jkunu inċerti jew ma jkunux indirizzati b'mod espliċitu minn regola partikolari.

Fejn ikun hemm inċertezza dwar il-fond tal-ilma, l-intenzjonijiet ta' bastiment ieħor, il-kundizzjonijiet tat-temp, il-pożizzjoni tal-bastiment, is-sigurtà ta' manuvra jew kwalunkwe kwistjoni oħra li taffettwa n-navigazzjoni, ir-rispons prudenti huwa li dik l-inċertezza tiġi solvuta qabel ma' wieħed ikompli, fejn dan ikun prattikabbli.

L-inċertezza ġeneralment għandha twassal għal aktar kawtela, mhux għal aktar riskju.

**12. Prinċipju Fundamentali**

Dawn l-eżempji huma illustrattivi u mhux eżawrjenti. Il-prattika tajba ta' baħħara ma tistax tiġi preskritta għal kull ċirkostanza li tista' tinqala' fuq il-baħar.

Il-prinċipju fundamentali huwa li baħħar għandu jidentifika riskji prevedibbli, juża ġudizzju tajjeb, jieħu prekawzjonijiet fil-ħin u jżomm marġni xieraq ta' sigurtà aktar milli jiddependi biss fuq ir-rekwiżiti legali minimi jew jaġixxi biss wara li tkun żviluppat sitwazzjoni perikoluża.

**9. Equipment Failure**

The failure of an engine, steering system, navigational aid or other equipment does not necessarily constitute an emergency if appropriate precautions are taken promptly.

Good seamanship requires foreseeable failures to be considered in advance and appropriate contingency arrangements to be available.

Where equipment essential to the safe continuation of a voyage becomes defective, the prudent decision may be to seek shelter, return to port or discontinue the voyage.

**10. Assisting Persons or Vessels in Difficulty**

A mariner observing another vessel or person apparently in difficulty should maintain awareness of the situation and, where appropriate and safe to do so, render assistance or alert the relevant authorities.

Good seamanship requires assistance to be provided in a manner which does not unnecessarily endanger the assisting vessel, its crew or other persons.

**11. When in Doubt**

Assessment should be made using all available means and judgment is not to be based on scanty information. When the available information may give rise to doubt, good seamanship is particularly important where circumstances are uncertain or are not expressly addressed by a particular rule.

Where there is uncertainty concerning water depth, another vessel's intentions, weather conditions, the vessel's position, the safety of a manoeuvre or any other matter affecting navigation, the prudent response is to resolve that uncertainty before proceeding where practicable.

Uncertainty should generally result in increased caution, not increased risk.

**12. Underlying Principle**

These examples are illustrative and are not exhaustive. Good seamanship cannot be prescribed for every circumstance which may arise at sea.

The underlying principle is that a mariner should identify foreseeable risks, exercise sound judgement, take timely precautions and maintain an appropriate margin of safety rather than relying solely upon minimum legal requirements or taking action only after a dangerous situation has developed.

Il-Baħħara huma mfakkra li l-prattika tajba ta' baħħara mhijiex sempliċement l-osservanza tar-regoli; hija l-eżerċizzju kontinwu tal-kompetenza, il-prudenza u l-ġudizzju responsabbli fl-interess tas-sigurtà fuq il-baħar.

Il-21 ta' Awwissu, 2026

TRANSPORT MALTA

**Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 157 tal-2026**

*Wirja ta' Logħob tan-Nar – Festa ta' San Duminku – il-Birgu*

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinforma lill-baħħara li b'rabta mal-festa ta' San Duminku, il-Birgu, se jinħarqu wirjiet ta' nar mill-ajru mill-punt A (kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)), approssimattivament fil-pożizzjoni li ġejja:

| | *Latitudni (T)* | *Longitudni (L)* |
|---|---|---|
| A | 35º 53'.576 | 14º 31'.617 |

Il-wirjiet tal-logħob tan-nar mill-pożizzjonijiet A ta' hawn fuq huma dawn li ġejjin:

Nhar il-Ħadd 30 ta' Awwissu, 2026, mit-8.00 a.m. sat-8.10 a.m., mid-9.15 a.m. sad-9.25 a.m., mill-11.00 a.m. sal-11.10 a.m., min-nofsinhar sa 12.10 p.m., u mis-7.15 p.m. sad-8.45 p.m.

Il-kaptana u s-sidien tal-bastimenti li huma rmiġġati f'żoni ta' sigurtà ta' 200m mill-punt A, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt), għandhom ineħħu l-bastimenti tagħhom (kemm kummerċjali kif ukoll rikreattivi) matul id-data u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq.

Transport Malta ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata mill-wirjiet tan-nar lil kwalunkwe bastiment u l-apparat anċillari tiegħu, kemm jekk dan il-bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu jitħallew ġewwa ż-żona ta' sigurtà jew barra minn dik iż-żona ta' sigurtà.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar fuq il-post.

Chart affetwata BA 177

Il-21 ta' Awwissu, 2026

Mariners are reminded that good seamanship is not simply the observance of rules; it is the continuous exercise of competence, prudence and responsible judgement in the interests of safety at sea.

21st August, 2026

TRANSPORT MALTA

**Local Notice to Mariners No. 157 of 2026**

*Fireworks Display – St Domenic Feast – Vittoriosa*

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies Mariners that in connection with St Domenic's feast, Vittoriosa, aerial firework displays will be let off from point A (as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt), in approximately the following position:

| | *Latitude (N)* | *Longitude (E)* |
|---|---|---|
| A | 35º 53'.576 | 14º 31'.617 |

The firework displays from the above positions A, are as follows:

On Sunday, 30th August, 2026, from 8.00 a.m. to 8.10 a.m., from 9.15 a.m. to 9.25 a.m., from 11.00 a.m. to 11.10 a.m., from noon to 12.10 p.m., and from 7.15 p.m. to 8.45 p.m.

Masters and owners of vessels that are berthed within the safety zones of 200m from point A, as shown on the attached chart, are to remove their vessels (both commercial and recreational) during the abovementioned date and times.

Transport Malta will accept no liability whatsoever for any damage caused by the firework displays to any vessel and her ancillary equipment, whether such vessel and her ancillary equipment are left within the safety zone, or outside such safety zone.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement officers on site.

Chart affected: BA 177

21st August, 2026

## UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

### Pożizzjoni ta' Reġistratur fl-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1. Is-Segretarju Permanenti, fl-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa, jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Reġistratur biex iwettaq dmirijiet fl-Uffiċċju tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika fi ħdan l-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa.

**Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet**

2.1 Il-persuna magħżula tinħatar fil-Pożizzjoni ta' Reġistratur fl-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Reġistratur hija suġġetta għal perjodu ta' probation/prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.3 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post/pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tannotifika tal-ħatra.

2.4 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunkwe kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 disponibbli minn (https://peopleandstandards.gov.mt/mt/homepage)).

## OFFICE OF THE DEPUTY PRIME MINISTER AND MINISTRY FOR HEALTH

### Position of Registrar in the Office of the Deputy Prime Minister and Ministry for Health

*Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.*

1. The Permanent Secretary, Office of the Deputy Prime Minister and Ministry for Health, invites applications for the position of Registrar to perform duties at the Office of the Superintendent of Public Health in the Office of the Deputy Prime Minister and Ministry for Health.

**Duration of Assignment and Conditions**

2.1 A selected candidate will be appointed in the position of Registrar in the Office of the Deputy Prime Minister and Ministry for Health.

2.2 The position of Registrar is subject to a probationary/trial period of twelve (12) months.

2.3 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the post/position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

10. Illi għal kull bon fini u ai termini tal-artikolu 495A(2) tal-Kodiċi Ċivili, qiegħed jiġi anness:

i. Dikjarazzjoni (maħlufa) tagħhom li huma jaqblu li jsir dan il-bejgħ fit-termini tal-imsemmi konvenju – hawn anness bħala Dok. 'D', u

ii. Prospett (maħluf) li juri l-għadd u l-valur tal-ishma li għandu kull wieħed mil-kontendenti – hawn anness bħala Dokument 'E';

11. Illi għalhekk skont l-artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jeżistu l-estremi kollha sabiex din l-Onorabbli Qorti tawtorizza dana l-bejgħ;

12. Illi l-esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment u għalhekk kellha issir din il-kawża.

5. That the applicant entered into a preliminary agreement, copies of which are here attached and marked as Doc. 'B.' to sell the property merit of this application, for an estimated price of seven hundred and sixty thousand euro (€760,000) for all the property in its entirety (and this includes also the undivided share of the defendant). However, the applicant is not in a position to sell the whole property since the defendant has an undivided share of the property and thus cannot be sold in full according to the terms and conditions of the same preliminary agreement and thus the applicants are availing themselves of Article 495A of Cap. 16 of the Laws of Malta in order to approve the said sale by this Honourable Court;

6. That thus there remains only the respondent who has the quota/share of one third (1/3) undivided shares, this as results from the prospectus mentioned hereunder;

7. That the same applicant confirms that there is no lawsuit regarding the partition of the same property merit of this application/preliminary agreements above indicated pending before any tribunal or competent Court of the country;

8. That the plaintiffs confirms that the conditions of the preliminary agreement, including the price agreed and proposed, is fair and appropriate and thus the respondent shall not be seriously prejudiced in the event that the Court orders the sale of the whole of this property;

9. That the applicants are also attaching an architect's report of Architect Andrew Borg confirming that the price agreed in the preliminary agreement is advantageous when considering the measurement of the property, the area that this property is situated, and all the circumstances related to the same property (report here attached and marked as Doc. 'C');

10. That for all intents and purposes and in terms of Article 495A (2) of the Civil Code, it is being attached:

i. Their (sworn) declaration that they agree that this sale be made in terms of the said preliminary agreement – here attached as Doc. 'D', and

ii. A (sworn) prospectus showing the number and value of shares held by each of the parties – hereby attached as document 'E';

11. That thus according to Article 495A of Cap. 16 of the Laws of Malta there exist all the extremes so that this Honourable Court authorises this sale;

12. That the applicants know of these facts personally and thus this cause had to be made.

Għaldaqstant u in vista tas-su espost l-esponenti umilment jitoblu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tordna l-pubblikazzjoni ta' dan ir-rikors fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetti oħra lokali ai termini tal-artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi l-prezz kif ukoll il-kundizzjonijiet proposti għat-trasferiment ta' sehem ir-rikorrenti fil-proprjetà mertu ta' dan ir-rikors odjern ossija l-porzjon art li tmiss mat-Triq San Giusepp, il-Qala, u ma' Triq in-Nadur, il-Qala, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka ta' erba' mija u tmienja u sittin punt ħamsa u tletin metru kwadru (468.35 sq.m), huma ġusti u xierqa u li l-istess prezz u kundizzjonijiet għandhom japplikaw għall-kwota spettanti lill-intimat minn dawn l-istess proprjetajiet;

3. Tiddikjara illi l-komproprjetarju dissidenti konvenut ma huwiex se jkun gravament ippreġudikat b'dan il-bejgħ;

4. Tapprova l-bejgħ propost u tawtorizza dan l-istess bejgħ ta' dan il-fond bil-pattijiet u kundizzjonijiet l-oħra kollha stipulati fil-konvenji sopra indikati, skont il-liġi u dan salv kwalunkwe varjazzjonijiet ta' dispożizzjonijiet u kundizzjonijiet oħra, inkluż dak fil-prezz, li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa;

5. Tordna l-pubblikazzjoni tal-att tal-bejgħ li għandu jinkludi wkoll il-kwota spettanti lill-konvenut fil-ħin u l-lok li jiġu ffissati, u ta' kull att ieħor relattiv/anċillari li jkun meħtieġ;

6. Taħtar lin-Nutar Dott. Ann Marie Cauchi sabiex tippubblika l-att ta' bejgħ opportun u ta' kull att ieħor relattiv/anċillari, u dan bl-intervent ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att u kull att ieħor relattiv/anċillari;

7. Tawtorizza lin-Nutar Dott. Ann Marie Cauchi u l-eventwali kuraturi deputati sabiex mill-prezz jiġu rikavati l-ispejjeż, taxxi u drittijiet talvoluta dovuti mill-bejjiegħa inkonnessjoni mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-bejgħ u kull att ieħor relattiv/anċillari inkluż id-drittijiet dovuti lill-kuraturi għall-kontumaċi nominat/i; u

8. Tagħti kull ordni u direttiva ulterjuri li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuti

Dan ir-rikors huwa appuntat għal nhar it-Tlieta, 10 ta' Novembru, 2026, fid-9.20 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Thus and in view of the above the applicants humbly request this Honourable Court to:

1. Order the publication of this application in the Government Gazette and in other local newspapers in terms of Article 495A of Cap. 16 of the Laws of Malta;

2. Declare that the price as well as the conditions proposed for the transfer of the applicant's share in the property merit of this present application or rather the portion of land bounded by Triq San Giusepp, Qala, and by Triq in-Nadur, Qala, Gozo, measuring approximately four hundred and sixty eight point thirty five square metres (468.35 sq. m.), are just and appropriate and that the same price and conditions should apply to the quota pertaining to the respondent from these same properties;

3. Declare that the defendant dissident co-owner shall not be seriously prejudiced by this sale;

4. Approve the proposed sale and authorise the same sale of this premises on all the other terms and conditions stipulated in the abovementioned preliminary agreements, according to law and this saving any variations of other provisions and conditions, including that in the price, which this Honourable Court deems fit;

5. Order the publication of the deed of sale which shall also include the quota due to the defendant at the time and place to be fixed, and of any other relative/ancillary act which may be required;

6. Appoint Notary Dr Ann Marie Cauchi to publish the deed of sale and any other relative/ancillary deed, and this with the intervention of deputy curators to represent the eventual defaulters on the same deed and any other relative/ancillary deed;

7. Authorise Notary Dr Ann Marie Cauchi and the eventual deputy curators to receive from the price the costs, taxes and fees due by the sellers in connection with the publication of the contract of sale and any other relative/ancillary acts including the fees due to the curators for the defaulters nominated; and

8. Give any further order and directive it deems fit and opportune.

With costs, against the defendants

The application is appointed for hearing for Tuesday 10th of November, 2026, at 9.20 a.m.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Illum 19 ta' Awwissu 2026

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribuanli (Għawdex)

This 19th of August 2026

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2146

B'digriet tad-29 ta' Lulju, 2026, mogħti mill-Bord li Jirregola l-Kera, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(5) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn KPJ Co. Ltd (C56016) u Ten Star Properties Co. Ltd (C 35427) fit-12 ta' Marzu, 2026, qed jintalab l-iżbank tal-garanzija bankarja li ġiet depożitata permezz ta' Ċedola numru 8/2021 fl-ismijiet:

Lilian Ronsoni Mendes et vs KPJ Co. Ltd (C56016) et

Il-Qorti ordnat in-notifika lil Lilian Ronsoni Mendes bi żmien ħamest (5) ijiem għar-risposta.

Reġistru tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Malta), illum l-Erbgħa, 19 ta' Awwissu, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 29th July, 2026, given by the Rent Regulation Board ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(5) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by KPJ Co. Ltd (C56016) and Ten Star Properties Co. Ltd (C 35427) on the 12th March, 2026, is requesting the withdrawal of the bank guarantee deposited by the Schedule of Deposit number 8/2021 in the names of:

Lilian Ronsoni Mendes et vs KPJ Co. Ltd (C56016) et

The Court ordered the notification to Lilian Ronsoni Mendes with five (5) days to reply.

Registry of the Civil Court First Hall (Malta), today Wednesday, 19th August, 2026

GAETANA AQUILINA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

2147

Avviż ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili

Maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali
Rikors numru: 46/2026

Rikors ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili

Natalina sive Nathalie Buttigieg (KI 70960 G) ta' 'Cuore di Gesu', Triq Ta' Cordina, Għajnsielem, Għawdex

Mary Xerri (KI 21762 G) ta' 'Ġnejna', Triq il-Belliegħa, Ir-Rabat, Għawdex

Frances Saliba (KI 39758 G) ta' 'Il Paradiso', Triq Ta' Ħorob, Ix-Xewkija, Għawdex

Georgia sive Georgette Mercieca (KI 31667 G) of c/o 'Il Paradiso', Triq Ta' Ħorob, Ix-Xewkija, Għawdex

GD Limited (C97262) għal kull interess illi jista' jkollha, ta' Penthouse, 'Olive Gardens',Triq Tas-Sruġ, Ix-Xagħra, Għawdex

Notice in terms of article 495A of the Civil Code

Issued by the Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section
Application number: 46/2026

Application in terms of Article 495A of the Civil Code

Natalina sive Nathalie Buttigieg (ID 70960 G) of 'Cuore di Gesu', Triq Ta' Cordina, Għajnsielem, Gozo

Mary Xerri (ID 21762 G) of 'Ġnejna', Triq il-Belliegħa, Victoria, Gozo

Frances Saliba (ID 39758 G) of 'Il Paradiso', Triq Ta' Ħorob, Xewkija, Gozo

Georgia sive Georgette Mercieca (ID 31667 G) of c/o 'Il Paradiso', Triq Ta' Ħorob, Xewkija, Gozo

GD Limited (C97262) for any interest it may have, of Penthouse, 'Olive Gardens', Triq Tas-Sruġ, Xagħra, Gozo

vs

Jane Vella (KI 44859 G) ta' 'LouJane', Triq il-Belliegħa, Ir-Rabat, Għawdex

Rikors ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap. XVI tal-Liġijiet ta' Malta tal-istess Natalina sive Nathalie Buttigieg et;

Jesponu bir-rispett:

Illi dan ir-rikors jirrigwarda s-segwenti proprjetà ossija l-fond mingħajr numru iżda bl-isem 'Sant'Anna' fi Triq ix-Xatt, Ix-Xlendi limiti tal-Munxar, Għawdex, sottopost għal beni ta' terzi, konfinanti mil-Lvant ma' beni ta' Noel Cardona, min-Nofsinhar mal-imsemmija triq u mill-Punent ma' sqaq Karolina Cauchi, jew irjieħ verjuri u aktar korretti, bil-kejl ta' ċirka wieħed u għoxrin metru kwadru (21mk), liberu u frank, ħieles minn kull ċens jew piż ieħor, ħieles minn kull servitù, ipoteka u privileġġ u/jew djun li jistgħu jagħtu lok għall-istess, kif ukoll ħieles minn kwalunkwe litigazzjoni ġudizzjarja u minn kull dritt reali jew personali favur terzi, bil-pussess vakant u bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu inkluż is-sottoswol; hekk kif indikat fuq il-pjanta u site plan hawn annessa u mmarkata bħala dokument A;

Illi din il-proprjetà hija proprjetà tar-rikorrenti Natalina sive Nathalie Buttigieg fil-kwota ta' parti waħda minn ħamsa (1/5), tar-rikorrenti Mary Xerri fil-kwota ta' parti waħda minn ħamsa (1/5), tar-rikorrenti Frances Saliba fil-kwota ta' parti waħda minn ħamsa (1/5), tar-rikorrenti Georgia sive Georgette Mercieca fil-kwota ta' parti waħda minn ħamsa (1/5), u tal-intimata Jane Vella fil-kwota ta' parti waħda minn ħamsa (1/5);

Illi l-ishma provenjenti lill-imsemmija partijiet huma derivanti mill-wirt u suċċessjoni ta' missierhom Giuseppe Galea illi ġie nieqes fir-Rabat, Għawdex, fit-23 ta' Mejju, 2016;

Illi r-rikorrenti Natalina sive Nathalie Buttigieg, Mary Xerri, Frances Saliba u Georgia sive Georgette Mercieca obbligaw ruħhom illi jbigħu u jittrasferixxu sehemhom mill-proprjetà fuq imsemmija a favur tas-soċjetà rikorrenti GD Limited u dan bis-saħħa ta' żewġ konvenji, wieħed datat is-26 ta' Marzu, 2026, u ieħor datat il-21 ta' April, 2026; kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata bħala Dokumenti B u C rispettivament;

Illi dawn l-iskritturi ġew debitament irreġistrati mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

Illi r-rikorrenti anke ottjenew stima ġuramentata mingħand perit arkitett u inġinier ċivili, il-Perit Emanuel Vella, li għamel stima tal-proprjetà de quo fl-istat preżenti

vs

Jane Vella (ID 44859 G) of 'LouJane', Triq il-Belliegħa, Victoria, Gozo

Application in terms of Article 495A of Cap. XVI of the Laws of Malta of the same Natalina sive Nathalie Buttigieg et;

Respectfully submit:

That this application relates to the following property or rather the unnumbered premises but with the name 'Sant'Anna' in Triq ix-Xatt, Xlendi limits of Munxar, Gozo, underlying third party property, bounded on the east by property of Noel Cardona, on the south by the said street and on the west by alley Karolina Cauchi, or more correct boundaries, measuring approximately twenty one square meters (21 sqm), free and unencumbered, free from any ground rent or other charge, free from any servitude, hypothecation and preference and/or debts which may give rise thereto, as well as free from any judicial litigation and from any real or personal right in favour of third parties, with vacant possession and with all its rights and appurtenances including the subsoil; as indicated on the plan and site plan herewith attached and marked as document A;

That this property is the property of the applicant Natalina sive Nathalie Buttigieg in the quota of one part out of five (1/5), of the applicant Mary Xerri in the quota of one part out of five (1/5), of the applicant Frances Saliba in the quota of one part out of five (1/5), of the applicant Georgia sive Georgette Mercieca in the quota of one part out of five (1/5), and of the respondent Jane Vella in the quota of one part out of five (1/5);

That the shares which come from the said parties are derived from the inheritance and succession of their father Giuseppe Galea who died in Victoria, Gozo, on the 23rd May, 2016;

That the applicants Natalina sive Nathalie Buttigieg, Mary Xerri, Frances Saliba and Georgia sive Georgette Mercieca obliged themselves to sell and transfer their share of the property above mentioned in favour of the applicant company GD Limited and this by virtue of two preliminary agreements, one dated 26th March, 2026, and another dated 21st April, 2026; a copy of which is hereby attached and marked as Documents B and C respectively;

That these writings were duly registered with the Commissioner of Inland Revenue;

That the applicants even obtained a signed valuation from architect and civil engineer, Architect Emanuel Vella, who made an evaluation of the property de quo in its present

tagħha, liema stima tinsab hawn annessa u mmarkata bħala Dokument D;

Illi barra minn hekk, l-elenku tal-porzjonijiet relattivi għall-proprjetà inkwistjoni flimkien mad-dikjarazzjoni relattiva jinsabu fil-partita hawn annessa u mmarkata bħala Dokument E;

Illi r-rikorrenti (eskluż ir-rikorrenti GD Limited) għalhekk huma proprjetarji flimkien fil-kwota ta' erba' partijiet minn ħames partijiet (4/5) indiviżi tal-proprjetà msemmija, filwaqt li l-intimata hija proprjetarja tal-istess proprjetà fil-kwota indiviża ta' parti waħda minn ħames partijiet indiviżi (1/5), kif hawn fuq spjegat;

Illi r-rikorrenti (eskluż ir-rikorrenti GD Limited) obbligaw ruħhom illi jbigħu u jittrasferixxu sehemhom mill-proprjetà skont il-kundizzjonijiet elenkati fl-istess konvenji;

Illi minkejja t-tentattivi sabiex jinġab il-kunsens tal-intimata, dan ma ħalla l-ebda frott;

Illi għalhekk kellu jsir dan ir-rikors;

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tordna l-pubblikazzjoni ta' dan ir-rikors fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta oħra lokali ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap. XVI tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-prezz kif ukoll il-kundizzjonijiet proposti għall-bejgħ tas-sehem komplessiv ta' erbgħa minn ħames partijiet (4/5) tal-proprjetà hawn fuq deskritta huwa ġust u xieraq u li l-istess prezz u kundizzjonijiet għandhom japplikaw għall-bejgħ tar-rimanenti sehem indiviż ta' parti waħda minn ħamsa (1/5) mill-imsemmi immobbli, prevja, okkorrendo, li l-fond jiġi stmat minn perit arkitett u inġinier ċivili;

3. Finalment tapprova l-bejgħ propost, u tordna l-pubblikazzjoni tal-att ta' bejgħ anke għal dak li jirrigwarda l-kwota spettanti lill-intimata, f'jum, ħin, u lok illi jiġu għalhekk iffissati u taħtar lin-Nutar Pubbliku Dott. Maria Grima sabiex tippubblika l-att ta' bejgħ opportun u ta' kull att ieħor relattiv/anċillari, bl-intervent ta' kuratur/i deputat/i sabiex jirrappreżenta/w lill-eventwali kontumaċi fuq dak l-att.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimata li minn issa għal kull buon fini qed tiġi inġunta in subizzjoni.

Dan ir-rikors huwa appuntat għal nhar it-Tlieta, 10 ta' Novembru, 2026, fid-9.10 a.m.

state, which valuation is hereby attached and marked as Document D;

That, furthermore, the list of portions relative to the property in question together with the relative declaration can be found in the item hereby attached and marked as Document E;

That the applicants (excluding the applicant GD Limited) thus jointly own in the quota of four of five (4/5) undivided shares of the property mentioned, whilst the respondent is the owner of the same property in the undivided share of one of five (1/5) undivided shares, as above explained;

That the applicants (excluding the applicants GD Limited) obliged themselves to sell and transfer their share of the property according to the conditions listed in the same preliminary agreements;

That despite the attempts to obtain the consent of the respondent, this did not bear any results;

That thus this application had to be made;

Thus, the applicants respectfully pray that this Honourable Court:

1. Order the publication of this application in the Government Gazette and in another local newspaper in terms of Article 495A of Cap. XVI of the Laws of Malta;

2. Declare that the price as well as the proposed conditions for the sale of the overall share of four fifths (4/5) of the property above described is just and appropriate and that the same price and conditions should apply to the sale of the remaining undivided share of one fifth (1/5) of the said immovable, saving, if necessary, that the premises are valued by an architect and civil engineer;

3. Finally approve the proposed sale and order the publication of the deed of sale even as regards the share due to the respondent, on a day, time, and place to be fixed and appoint Notary Public Dr Maria Grima to publish the opportune deed of sale and any other relative/ancillary deed, with the intervention of deputy curator/to represent the eventual defendant on that deed.

With all costs against the respondent who is from now for all intents and purposes being summoned so that a reference to his evidence be made.

The application is appointed for hearing for Tuesday 10th of November, 2026, at 9.10 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 19 ta' Awwissu, 2026

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribuanli (Għawdex)

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

This 19th of August, 2026

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2148

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-22 ta' Lulju, 2026, Rikors numru 673/2026, minn Daniel Schembri et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Daniel Schembri u Roberta Schembri wlied id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Doris Schembri, armla ta' Alfred Schembri, bint il-mejtin Charles Attard u Carmela Attard née Dimech, imwielda l-Ħamrun, Malta, kienet residenti Ħal Luqa, Malta, u mietet Ħal Luqa, Malta, fl-20 ta' Jannar, 2026, ta' 83 sena, u li kellha karta tal-identità numru 0226342M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 20 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 22nd July, 2026, Application number 673/2026 by Daniel Schembri et, whereby they requested that it be declared open in favour of Daniel Schembri and Roberta Schembri children of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share each one of them the succession of Doris Schembri, widow of Alfred Schembri, daughter of the late Charles Attard and Carmela Attard née Dimech, born in Ħamrun, Malta, resided in Ħal Luqa, Malta, and died in Ħal Luqa, Malta, on the 20th January, 2026, aged 83, and who held identity card number 0226342M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 20th August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2149

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-16 ta' Lulju, 2026, Rikors numru 649/2026, minn Louis Farrugia et, fejn insegwitu tar-rikors John Farrugia, imwieled Ħad-Dingli fit-12 ta' Ottubru, 1943, ta' 82 sena, rikoverat fid-dar tal-anzjani St Elizabeth Prime Care Residential and Nursing Home, Vjal il-Ħaddiem, Ir-Rabat (Malta), u li għandu karta tal-identità numru 700343M, ġie interdett mill-atti kollha tal-ħajja ċivili permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Lulju, 2026.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 20 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 16th July, 2026, Application number 649/2026, by Louis Farrugia et, whereby following the application John Farrugia, born in Ħad-Dingli on the 12th October, 1943, aged 82,and is under care at the home for the elderly St Elizabeth Prime Care Residential and Nursing Home Vjal il-Ħaddiem, Rabat (Malta), and holding identity card number 700343M, was interdicted from all the acts of the civil life by means of a decree given on the 21st July, 2026.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 20th August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2150

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-13 ta' Lulju, 2026, Rikors numru 634/2026 mill-Avukat tal-Istat, fejn insegwitu tar-rikors Maria Spiteri, imwielda Birkirkara, Malta fil-21 ta' Ottubru, 1941, ta' 84 sena, residenti l-Ħamrun, Malta, li għandha karta tal-identità bin-numru 637941M, ġiet inabilitata permezz ta' digriet tas-16 ta' Lulju, 2026, bil-kundizzjonijiet hemm imsemmija.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 20 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 13th July, 2026, Application number 634/2026 by the State Advocate, whereby following the application Maria Spiteri, born in Birkirkara, Malta, on the 21st October, 1941, aged 84, residing in Ħamrun, Malta, holding identity card number 637941M, was incapacitated by means of a decree given on the 16th July, 2026, under the conditions therein mentioned.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 20tht August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2151

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-3 ta' Awwissu, 2026, Rikors numru 714/2026, minn John Farrugia, fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur Adelina Farrugia omm id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Carmelo Farrugia, John Farrugia, Joseph Farrugia u Maryanne sive Mary Anne Gauci ne Farrugia, ħut id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Lucienne Farrugia, legalment separata minn Raymond Cassar, bint il-mejjet Albert Farrugia u Adelina Farrugia née Xuereb, imwielda Tal-Pietà, Malta, kienet residenti Ħal Tarxien, Malta u mietet il-Furjana, Malta, fit-8 ta' Ġunju, 2013, ta' 43 sena, u li kellha karta tal-identità numru 0436369M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 20 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 3rd August, 2026, Application number 714/2026 by John Farrugia, whereby he requested that it be declared open in favour of Adelina Farrugia, mother of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Carmelo Farrugia, John Farrugia, Joseph Farrugia and Maryanne sive Mary Anne Gauci née Farrugia brothers and sisters of the decujus in equal shares between them the succession of Lucienne Farrugia legally separated from Raymond Cassar daughter of the late Albert Farrugia and Adelina Farrugia née Xuereb, born in Tal-Pietà, Malta, resided in Ħal Tarxien, Malta and died in Floriana, Malta, on the 8th June, 2013, aged 43, and who held identity card number 0436369M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 20th August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2152

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-4 ta' Awwissu, 2026, Rikors numru 717/2026, minn Georgia sive Georgina Bugeja et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Georgia sive Georgina Bugeja u Joseph Grech ulied

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 4th August, 2026, Application number 717/2026 by Georgia sive Georgina Bugeja et, whereby they requested that it be declared open in favour of Georgia sive Georgina Bugeja and Joseph

id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) kull wieħed u waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Maria Anna Grech, armla ta' Giuseppe Grech, bint il-mejtin Felice Abela u Carmela Abela née Gaffiero, imwielda Raħal Gdid, Malta, kienet residenti Ħ'Attard, Malta, u mietet ir-Rabat, Malta, fil-25 ta' Settembru, 2025, ta' 89 sena, u li kellha karta tal-identità numru 00124436M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 20 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Grech children of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share each one of them the succession of Maria Anna Grech, widow of Giuseppe Grech, daughter of the late Felice Abela and Carmela Abela née Gaffiero, born in Raħal Gdid, Malta, resided in Ħ'Attard, Malta, and died in Rabat, Malta, on the 25th September, 2025, aged 89, and who held identity card number 00124436M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 20th August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2153

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-31 ta' Lulju, 2026, Rikors numru 712/2026, minn Carmelo Muscat et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Carmelo Muscat, Peter Muscat u Carmela Azzopardi ħut id-decujus fi kwota ta' terz (1/3) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Mario Muscat, ġuvni, bin Antonio Muscat u Carmela Muscat née Ciantar, imwieled ir-Rabat, Malta, kien joqgħod Ħaż-Żebbuġ, Malta u miet Girona, Spanja fil-25 ta' Marzu, 2026, ta' 75 sena, u li kellha karta tal-identità numru 0958350M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 20 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 31st July, 2026, Application number 712/2026 by Carmelo Muscat et , whereby they requested that it be declared open in favour of Carmelo Muscat, Peter Muscat and Carmela Azzopardi, brothers and sisters of the decujus in the quota of one third (1/3) undivided share each one of them the succession of Mario Muscat, bachelor, son of Antonio Muscat and Carmela Muscat née Ciantar, born in Rabat, Malta, resided in Ħaż-Żebbuġ, Malta, and died in Girona, Spain, on the 25th March, 2026, aged 75 and, who held identity card number 0958350M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 20th August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2154

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Banns for Curators

Republic of Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-5 ta' Ġunju, 2026, fuq talba ta' Raymond sive Ray Camilleri ġie ordnat, biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw sidien mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 1086/2026, fl-ismijiet Raymond sive Ray Camilleri vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1086/2026 fl-ismijiet Raymond sive Ray Camilleri, negozjant fil-kummerċ, miżżewweġ, iben George Camilleri u Elizabeth Camilleri née Pace, imwieled Ħ'Attard fid-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elf u disa' mija u sitta u sittin (1966), resident f'Massabielle, Triq Jules Verne, In-Naxxar, u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 482866M, vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw sidien mhux magħrufa, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fil-25 ta' Mejju, 2026, fejn Raymond sive Ray Camilleri (KI 482866M) qed jesponi bir-rispett:

1. Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Pierre Falzon datat is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elf u disa' mija u tlieta u disgħin (1993), bejn, minn parti waħda Joseph Farrugia, fil-kummerċ, bin Salvatore u Maria née Sciberras, imwieled il-Qrendi u residenti l-Mosta, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 480528M, u mill-parti l-oħra l-esponent Raymond sive Ray Camilleri, negozjant fil-kummerċ, miżżewweġ, iben George Camilleri u Elizabeth Camilleri née Pace, imwieled Ħ'Attard fid-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elf u disa' mija u sitta u sittin (1966) u resident f'Massabielle, Triq Jules Verne, In-Naxxar, u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 482866M, u Mario Borg, bennej, bin Ludgardo u Maria née Pullicino, imwieled Ħal Qormi u residenti San Pawl il-Baħar, u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 90965M, l-esponent u Mario Borg akkwistaw kull wieħed nofs sehem indiviż ta':

Appartament bin-numru disgħa (9), fil-blokka ta' appartamenti bl-isem 'Raymar', fi Triq iċ-Ċern, Buġibba, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, u dan kif aħjar deskritt fl-imsemmi kuntratt tal-bejgħ anness u mmarkat Dok. 'A' u l-pjanta tal-proprjetà inkwistjoni annessa u mmarkata Dok. 'B';

2. Illi din il-proprjetà inbiegħet libera u frank u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, u dan kif aħjar spjegat fl-istess kuntratt tal-bejgħ anness u mmarkat Dok. 'A';

3. Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Pierre Falzon datat is-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995), bejn, minn parti waħda Mario Borg, bennej, bin Ludgardo u Maria née Pullicino, imwieled Ħal Qormi u residenti f'San Pawl il-Baħar, u detentur tal-karta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 5th June, 2026, following a request of Raymond sive Ray Camilleri it was ordered, that deputy curators be chosen to represent the unknown owners in the acts of the schedule of deposit number 1086/2026, in the names Raymond sive Ray Camilleri vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent number 1086/2026 in the names Raymond sive Ray Camilleri, businessman, married, son of George Camilleri and Elizabeth Camilleri née Pace, born in Ħ'Attard on the nineteenth (19) of November of the year one thousand and nine hundred and sixty six (1966), residing at Massabielle, Triq Jules Verne, Naxxar, and holder of identity card number 482866M, vs Deputy Curators to represent unknown owners, filed in the First Hall of Civil Courts on the 25th May, 2026, whereby Raymond sive Ray Camilleri (ID 482866M) respectfully submitted:

1. That by means of a contract in the records of Notary Dr Pierre Falzon dated the twenty seventh (27th) of July of the year one thousand nine hundred ninety three (1993), from one party Joseph Farrugia, trader, son of Salvatore and Maria née Sciberras, born in Qrendi and residing in Mosta, holder of identity card number 480528M, and the other part the interpellant Raymond sive Ray Camilleri, businessman, married, son of George Camilleri and Elizabeth Camilleri née Pace, born in Ħ'Attard on the nineteenth (19) of November of the year one thousand and nine hundred and sixty six (1966) and residing at Massabielle, Triq Jules Verne, Naxxar, and holder of identity card number 482866M, and Mario Borg, builder, son of Ludgardo and Maria née Pullicino, born in Ħal Qormi and residing in St Paul's Bay, and holder of identity card number 90965M, the applicant and Mario Borg each acquired one half undivided share of:

Apartment numbered nine (9), in the block of apartments named 'Raymar', in Triq iċ-Ċern, Buġibba, limits of St Paul's Bay, as better described in the said contract of sale attached and marked Doc. 'A' and the plan of the property in question attached and marked Doc. 'B';

2. That this property was sold free and unencumbered and with all its rights and appurtenances, and this as better explained in the same contract of sale attached and marked Doc. 'A';

3. That by means of a contract in the records of Notary Dr Pierre Falzon dated seventeenth (17) October of the year one thousand nine hundred ninety five (1995), on one part Mario Borg, a builder, son of Ludgardo and Maria née Pullicino, born in Ħal Qormi and residing in St Paul's Bay, and holder

tal-identità bin-numru 90965M, u mill-parti l-oħra l-esponent Raymond sive Ray Camilleri, negozjant fil-kummerċ, miżżewweġ, iben George Camilleri u Elizabeth Camilleri née Pace, imwieled Ħ'Attard fid-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elf u disa' mija u sitta u sittin (1966) u resident f'Massabielle, Triq Jules Verne, In-Naxxar, u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 482866M, l-esponent akkwista mingħand Mario Borg sehmu fl-appartament inkwistjoni ċoè n-nofs indiviż tiegħu, u dan kif aħjar deskritt fil-kuntratt tal-bejgħ anness u mmarkat Dok. 'C';

4. Illi l-imsemmi appartament huwa suġġett għar-rata ta' ċens annwu u perpetwu ta' sittax-il ewro u tletin ċenteżmu tal-ewro (€16.30), ekwivalenti għal seba' liri Maltin (Lm7.00c)

5. Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors l-esponenti qiegħed jippreżenta Ċedola ta' Depożitu u Kontestwali Fidi ta' Ċens gravanti l-imsemmi appartament; u

6. Illi nonostante diversi tentattivi magħmula mill-esponenti, dan iċ-ċens kien oriġinarjament dovut lil persuna li ma tistax tiġi identifikata.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja n-notifika ai termini tal-Artikolu 931(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, taħtar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw is-sidien mhux magħrufa ta' dan iċ-ċens, u dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportun.

Depożitant: Raymond sive Ray Camilleri, Massabielle, Triq Jules Verne, In-Naxxar

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, 34, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta

Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Ian Spiteri Bailey, LLD, Duttur tal-Liġi.

of identity card number 90965M, and on the other part the interpellant Raymond sive Ray Camilleri, businessman, married, son of George Camilleri and Elizabeth Camilleri née Pace, born in Ħ'Attard on the nineteenth (19th) of November of the year one thousand and nine hundred and sixty six (1966) and residing at Massabielle, Triq Jules Verne, Naxxar, and holder of identity card number 482866M, the applicant acquired from Mario Borg his share in the apartment in question namely his undivided half, as better described in the contract of sale attached and marked as Doc. 'C';

4. That the said apartment is subject to the rate of annual and perpetual groundrent of sixteen euro and thirty euro cents (€16.30), equivalent to seven Maltese liri (Lm7.00c).

5. That together with this application the applicant is filing a Schedule of Deposit and Contextual Redemption of Ground Rent regarding the said apartment; and

6. That although there were various attempts made by the applicants, this groundrent was originally owed to an unidentifiable person.

Thus, the applicant is humbly asking this Honourable Court, saving the notification in terms of Article 931 (3) of Cap. 12 of the Laws of Malta, to appoint deputy curators to represent the unknown owners of this groundrent, under all those provisions that this Honourable Court deems fit and opportune.

Depositer: Raymond sive Ray Camilleri, Massabielle, Triq Jules Verne, Naxxar

Notification: Director of the Public Registry, 34, Triq l-Arċisqof, Valletta

Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Ian Spiteri Bailey, LLD Doctor of Laws.

Illum 5 ta' Ġunju, 2026

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Today 5th June, 2026

Registry of the Superior Courts, today 20th August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2155

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-16 ta' Ġunju, 2026, fuq talba ta' Peter Azzopardi ġie ordnat, biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa ta' Joseph Bugeja fl-atti taċ-Ċedola numru 1219/2026, fl-ismijiet Peter Azzopardi vs Kuraturi Deputati et fl-atti l-oħra u relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċedola ta' depożitu u fidi ta' ċens numru 1219/2026 fl-ismijiet Peter Azzopardi (KI 860846M), pensjonant, iben il-mejtin Giovanni u Giovanna née Muscat, imwieled Ħad-Dingli nhar it-13 ta' Ottubru tas-sena 1946 u residenti Ħad-Dingli vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa ta' Joseph Bugeja (KI 0503241M), li miet fit-12 ta' Ottubru, 2018, impjegat, iben Vincent Angelo u Helen née Salamone, imwieled Tas-Sliema nhar is-7 ta' Awwissu, 1941, u residenti San Ġiljan, kif ukoll sabiex jirrappreżentaw kwalunkwe direttarji oħra mhux magħrufa tal-fond f'Ħad-Dingli, bi tliet bibien, numri wieħed (1) u tnejn (2) fuq Triq l-Immakolata Kunċizzjoni, u numru wieħed u sebgħin (71) fuq Triq il-Kbira, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-12 ta' Ġunju, 2026, fejn Peter Azzopardi jesponi bir-rispett:

Illi kif jirriżulta mis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Jannar, 2003 (Dok. A) u mill-annessi kuntratti (Dok. B u C), l-esponenti jiddetjeni b'titolu ta' enfitewsi perpetwa l-fond f'Ħad-Dingli, bi tliet bibien, numri wieħed (1) u tnejn (2) fuq Triq l-Immakolata Kunċizzjoni, u numru wieħed u sebgħin (71) fuq Triq il-Kbira, murija fuq l-annessa pjanta Dok. D, u dan versu rata annwa ta' ċens illi b'effett mill-ewwel (1) ta' April, 1996, saret tnax-il lira Maltin u disgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm12.79) u ċoè sitt darbiet daqs iċ-ċens temporanju li kien jitħallas sa dik id-data li kienet ta' żewġ liri Maltin u tnax-il ċenteżmu u ħames milleżmi (Lm2.12,5); u dan sal-wieħed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena 2011;

Illi ai termini tal-artikolu 12(4) tal-Kap. 158, Liġijiet ta' Malta, ir-rata ta' ċens annwu pagabbli ogħliet b'effett mill-1 ta' April, 2011, minn tnejn u għoxrin ewro u disgħa u sebgħin

Banns for the Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 16th June, 2026, following a request of Peter Azzopardi it was ordered that deputy curators be appointed to represent the unknown heirs of Joseph Bugeja in the records of the Schedule of Deposit number 1219/2026, in names the names of Peter Azzopardi vs Deputy Curators et in the other relative and subsequent acts.

By means of a Schedule of Deposit and Redemption of groundrent number 1219/2026 of Peter Azzopardi (ID 860846M), pensioner, son of the late Giovanni and Giovanna née Muscat, born in Dingli on the 13th October 1946 and residing at Dingli vs Deputy Curators to represent the unknown heirs of Joseph Bugeja (ID 0503241M), who died on the 12th October, 2018, employee, son of Vincent Angelo and Helen née Salamone, born in Tas-Sliema on the 7th August, 1941, and residing in St Julian's, as well as to represent any other unknown owners of the premises in Ħad-Dingli, with three doors, numbers one (1) and two (2) on Triq l-Immakolata Kunċizzjoni, and number seventy one (71) on Triq il-Kbira, filed in the First Hall of the Civil Court on the 12th June 2026, whereby Peter Azzopardi respectfully submitted:

That as results from the judgement given on the 31st January, 2003 (Doc. A) and from the attached contracts (Doc. B and C), the applicant holds by title of perpetual emphyteusis the premises in Ħad-Dingli, with three doors, numbers one (1) and two (2) on Triq l-Immakolata Kunċizzjoni, and number seventy one (71) on Triq il-Kbira, shown on the attached plan Doc. D, and this towards an annual rate of groundrent that with effect from the 1st April 1996 twelve Maltese liri and seventy nine cents (Lm12.79) were made and that is six times the temporary groundrent that was paid till that date which was two Maltese liri and twelve cents and five mils (Lm2.12,5); and this by the thirty-first (31) of March 2011;

